MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.
FRANCESCO DEPASQUALE**

Seduta tat-30 ta' Settembru, 2013

Avviz Numru. 181/2012

**Fl-atti tal-Ittra Ufficjali 1090/2012 datata 23 ta' April 2012
fl-ismijiet
L-Awtorita' ta' Malta Dwar ir-Rizorsi
vs
Victor E Ragonesi (ID 550824M) u Goldvest Company Limited (C 18266)**

Illum 30 ta’ Settembru 2013

Il-Qorti,

Rat ir-rikors ippresentat mir-rikorrenti Victor E Ragonesi u Goldvest Company Limited a tenur tal-Artikolu 466 (2) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta wara Ittra Ufficjali illi intbghatet lilhom fit 23 ta' April 2012 a tenur tal-Artikolu 466 (1) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta da parte tal-Awtorita ta' Malta dwar ir-Rizorsi ghal hlas ta' arretrati ta' Licenzja ghas-Swimmin Pool gewwal-Imperial Hotel f'Tas-Sliema ghal periodu 2002 sa 2011.

Illi f'tali rikors, ir-rikorrenti ikkontendew illi l-Ittra Ufficjali kienet nulla peress illi l-Awtorita' ta' Malta dwar ir-Rizorsi ma kienetx awtorizzata tuza l-proceduri mahsuba ghal dipartiment tal-Gvern a tenur tal-Artikolu 466. Ir-rikorrenti ikkontendew ukoll illi s-somma mitluba hija ghal periodu ta' aktar minn hames snin, u ghalhekk hija preskritta.
Rat ir-risposta tal-Awtorita' ippresentata fis-6 ta' Lulju 2012 fejn sahqet illi, a tenur tal-Artikolu 40 tal-Kap 423, hija awtorizzata tuzufruwixxi mill-poter moghti lill Dipartiment tal-Gvern a tenur tal-Artikolu 466. Apparti minn hekk, hija eccepiet illi kellu jkun ir-rikorrenti jipprova illi l-ammont kien attwalment preskritt filwaqt illi sahqet illi l-ammont kollu kien attwalment dovut.
Semghet ix-xhieda ta' **Miriam Micallef Sultana**, rappresentant tal-Awtorita' ta' Malta dwar ir-Rizorsi, moghtija fid-9 ta' Lulju 2012 u fit-13 ta' Mejju 2013 in kontro ezami, flimkien mad-dokumentazzjoni kollha relatata mal-proceduri pendenzi illi l-istess awtorita kella mar-rikorrenti, inkluz korrispondenza skambjata mill 2002 sa April 2007, meta inbghatet Ittra Ufficjali lir-rikorrenti ghal hlas tal-licenzji b'lura sa dakinhar.
Semghet ix-xhieda ta' Joseph Attard, General Manager tal-lukanda Imperial Hotel mogthija fit-13 ta' Mejju 2013 fejn gharraf il-Qorti li skond il-kalkoli maghmulha minnu, il-pixxina kellha kubagg ta' madwar 150 metru kwadru u ghalhekk il-kont kien eccessiv.
Rat in-nota ippresentata mir-rikorrenti fit-12 ta' Lulju 2013 fejn perit imqabbad minnhom stess indika illi l-kubagg kien attwalment ta' 155.47 metru kwadru.
Rat illi fit-12 ta' Lulju 2013, il-kawza giet differita ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat**

Illi r-rikors promotur kien intiz sabiex jattakka l-Ittra Ufficjali ippresentata mill-Awtorita intimata kontra ir-rikorrenti fit-23 ta April 2012. Ghalkemm il-Qorti ma gietx indikata meta attwalment ir-rikorrenti gew notifikati bl-ittra ufficjali per se, stante illi ma saret ebda eccezzjoni da' parte tal-Awtorita' intimata illi tali azzjoni saret oltre it-terminu ta' ghoxrin gurnata min-notifika tal-ittra, il-Qorti qieghda tasal ghal konkluzjoni illi tali proceduri saru entro it-terminu stabbilit.

Illi, fil-proceduri odjerni, r-rikorrenti talbu lill dina l-Qorti sabiex tiddikjara l-Ittra bhala nulla u bla effett ghal zewgt ragunijiet, ossija ghax l-Awtorita' ma kellha ebda dritt illi tutilizza l-proceduri stabbiliti fl-Artikolu 466 tal-Kap 12, u ghax l-ammont mitlub huwa preskritt peress illi jiddata mis-sena 2002 'l hawn.

**Ikkunsidrat**

Illi, dwar l-ewwel ilment imressaq mir-rikorrenti, l-Awtorita intimata korrettement ghamle referenza ghall-Artikolu 40 tal-Kap 423 illi jikkrea l-istess Awtorita, liema artikolu jipprivdi s-segwenti:-

*" Id-disposizzjonijiet tal-artikolu 466 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili għandhom japplikaw għall- Awtorità bl-istess mod kif japplikaw għad-Dipartimenti tal-Gvern."*

Illi jidher car, ghalhekk, illi l-Awtorita intimata kellha kull dritt illi tiehu l-proceduri odjerni kontra r-rikorrenti, u ghalhekk l-ewwel ilment tar-rikorrenti huwa infondat.

**Ikkunsidrat**

Illi, it-tieni ilment huwa li t-talba tal-Awtorita' intimata hija preskritta bit-trapass tal-periodu ta' hames snin, peress illi l-kont ilu pendenti mis-sena 2002.

Il-Qorti tinnota, l-ewwel u qabel kollox, illi huwa zbaljat li r-rikorrenti jikkontendu illi l-ammont kollu huwa preskritt peress illi, semmai, kieku kien hemm xi ammont illi setgha kien preskritt, tali argument kien jghodd ghal dak kollu illi kien dovut qabel il-periodu ta' hames snin b'lura mid-data tal-ittra ufficjali odjerna, jigifieri kull ammont dovut qabel is-sena 2007.

Illi, madanakollu, jirrizulta mid-dokumentazzjoni ippresentata mill-Awtorita' intimata, illi f'April tas-sena 2007, kienet intbghatet Ittra Ufficjali da' parte tal-Awtorita' intimata lir-rikorrenti ghal hlas ta' arrettrati mis-sena 2012 sa' dakinhar. Tali ittra, ghalkemm ma gietx ippresentata kopja ufficjali taghha, ma gietx ikkontestata bl-ebda mod mir-rikorrent b'mod illi l-Qorti ma ghadha ebda raguni tiddubita illi attwalment intbghatet u wasslet ghand ir-rikorrenti.

Illi, fl-ahhar nett, jidher car mill-korrispondenza ippresentata mil-Awtorita intimata, illi r-rikorrenti tul is-snin, kienu qed jikkontestaw il-hlas ta' licenza peress illi, fl-opinjoni taghhom, kienet eccessiva w ingusta. Kien ghalhekk illi huma qatt ma hallsu il-pagament lilhom mitlub.

**Ikkunsidrat**

Illi, fl-ahhar tal-proceduri, il-General Manager tal-lukanda Hotel Imperial, illi taghha kien is-*swimming pool* illi ghalih kien qed jintalab il-hlas tal-licenza, ikkontenda illi l-hlas miltub kien eccessiv peress illi l-pool kien izghar minn dak ikkalkolat mill-Awtorita' intimata u ghalhekk il-kont dovut kien eccessiv.

Illi, fix-xhieda tieghu, huwa sahaq illi l-pool kellu kubagg ta' mija u hamsin metru kubu (150). Sussegwentement, huwa esebixxa rapport redatt mill-perit taghhom li indika li attwalment il-kubagg kien ta' mija hamsa u hamsin punt sebgha u erbghin metru kubi (155.47).

Illi, mill-kontijiet ippresentati mill-Awtorita' intimata, jirrizulta illi il-kontegg kien mahdum fuq kubagg ta' mija u sittin metru kubu (160). Mix-xhieda tar-rappresentanta taghha, l-Awtorita' stqarret illi tali kubagg ikun inghatalha mir-rikorrent stess meta ikun applika ghal licenzja.

Il-Qorti ma tistax ma tinnutax illi d-differenza bejn il-kubagg mitlub mill-Awtorita' intimata u dik indikata mir-rikorrenti hija wahda irrizorja, peress illi differenza ta' erbgha metri kubi ma hijex xi differenza daqstant kbira illi tista twassal sabiex jigi dikjarat illi dak mitlub huwa eccessiv.

**Ikkunsidrat**

Il-Qorti ma setghetx ma tinnutax illi r-rikorrenti, minn meta dahhlet il-hlas tal-licenza ghas-swimming pool dovut lill-Awtorita initmata, kien qieghed joggezzjona ghal tali hlas u kiteb lill diversi ministri u awtoritajiet sabiex jara kif jaghmel biex jevita li jaghmel tali hlas.

Il-Qorti bl-ebda mod ma tista tikkondona tali azzjoni peress illi kien jirrizulta car li tali ammont huwa dovut u kien, del resto, rikonoxxjut mir-rikorrenti stess fil-korrispondenza vasta tieghu, u issa qieghed jittenta jahrab mill-obbligi tieghu ta' hlas ta' dak minnu dovut taht il-kappa

tal-preskrizzjoni, meta hareg car illi kienet sahansitra saritlu Ittra Ufficjali fis-sena 2007.
Ghalhekk, l-ilmenti kollha imressqa mir-rikorrenti ma humiex gustifikati.

**Konkluzjoni**
Il-Qorti,
Wara illi rat il-provi kollha prodotti u semghet ix-xhieda
Tghaddi biex tiddeciedi tali rikors billi
Tichad it-talbiet kollha tar-rikorrenti u
Tiddikjara l-Ittra Ufficjali 1090/12 mahruga fit 23 ta' April 2012 bhala valida a tenur tal-Ligi.
Spejjez kollha tal-proceduri odjerni ikunu a karigu tar-rikorrenti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------